**Malta**
**Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent**

**2010**

**Il-Fehma ta' Alternattiva Demokratika**
**dwar l-*Issues Paper***

**Werrej**

| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | 1 - 5 |
| Direzzjoni | 6 - 7 |
| Skop | 8 - 12 |
| Strumenti Ekonomiċi | 13 - 19 |
| Oqsma ittrattati | 20 - 24 |
| L-art | 25 - 28 |
| Politika Ambjentali fuq Livell Lokali | 29 - 31 |
| Skart | 32 - 37 |
| L-Ilma | 38 - 41 |
| It-Trasport | 42 - 45 |
| Kwalita' tal-arja | 46 - 50 |
| L-użu tal-ġebla | 51 - 52 |
| Il-biodiversita' | 53 - 55 |
| Il-ħoss | 56 - 58 |
| L-irwejjaħ u fastidju ambjentali | 59 - 63 |
| It-tniġġis mid-dawl | 64 - 66 |
| Issues nukleari u ta' radjuattivita' | 67 - 72 |
| L-immaniġġjar ta' impatti ambjentali | 73 - 74 |
| Corporate Social Responsibility | 75 - 77 |
| Informazzjoni Ambjentali | 78 - 79 |
| Art Kontaminata | 80 - 83 |
| Għaqdiet Ambjentali Mhux Governattivi u s-Soċjeta Ċivili | 84 - 85 |
| Riċerka Ambjentali | 86 - 88 |
| Konklużjoni | 89 - 90 |

## Introduzzjoni

1. Alternattiva Demokratika tqis li l-proċess ta' konsultazzjoni li nbeda dwar il-formulazzjoni ta' Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent huwa wieħed pożittiv. Proċess ta' konsultazzjoni jista' jwassal biex ikunu kkonsidrati bis-serjeta' il-veduti ta' bosta. Inkluż il-veduti ta' dawk li l-aċċess għall-widna ta' min jiġġestixxi l-poter huwa normalment limitat.

2. Jeħtieġ imma li din id-diskussjoni pubblika tkun waħda etika. Trid tirrispetta lil kull min ta' ħinu u saħħtu fis-snin passati f'ħidma favur l-ambjent. Ma tistax għaldaqstant tkun diskussjoni selettiva.

3. Tajjeb li neżaminaw l–analiżi dwar il-Public Attitudes Survey 2008 li d-ditta Ernst & Young ħejjiet fuq inkarigu tal-MEPA. Minn dan jirriżulta illi 69% ta' dawk li wieġbu huma tal-fehma li l-ambjent huwa importanti daqs l-ekonomija filwaqt li 23% jidhrilhom illi l-ambjent huwa iktar importanti mill-ekonomija. 8% biss għadhom tal-fehma tas-supremazija tal-ekonomija fuq l-ambjent. Dan huwa pedament tajjeb li għandu jkun ta' inkoraġġiment għal inizzjattivi sfiqa.

4. AD tosserva b'sodisfazzjon din l-attitudni. Attitudni li ilha tinħass tiżviluppa bil-mod il-mod. Hi r-riżultat li jidher s'issa tal-ħidma ta' dawk kollha illi għal snin sħaħ ħadmu kontra l-kurrent b'bosta minnhom ikunu deskritti bħala eko-fundamentalisti. Alternattiva Demokratika hi kburija li f'din il-ħidma dejjem kienet fuq quddiem nett.

5. Fid-dawl ta' dan huwa iktar importanti li d-diskussjoni tal-lum tkun ċara u onesta. L-Issues Paper li għandna quddiemna tistaqsi ħafna mistoqsijiet. Imma sfortunatament għażlet illi tinjora l-fatt li bosta mit-tweġibiet diġa ngħataw. Dawn qegħdin fl-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli approvata mill-Kabinett tal-Ministri lejn tmiem l-2007 wara proċess twil ta' diskussjoni mas-soċjeta' ċivili.

## Direzzjoni

6. Hemm ukoll punt bażiku ta' direzzjoni li jeħtieġ illi jkun ikkunsidrat : il-politika nazzjonali dwar l-ambjent ser tkun waħda antropo-ċentrika jew waħda eko-ċentrika? Ser tpoġġi lill-bniedem u l-impatti fuqu bħala ċ-ċentru u l-oġġettv tagħħa jew ser tibbaża ruħha fuq il-fatt li l-umanita' hi parti minn eko-sistema u mhux minn ekonomija? Konsiderazzjoni li per konsegwenza twassal biex jiġu meqjusa l-impatti fuq l-eko-sistema kollha u mhux fuq dak li jolqot direttament lill-bniedem biss.

7. Alternattiva Demokratika bħala l-partit politiku f'Malta li waħdu għal ħafna snin kien fuq quddiem iħeġġeġ illi l-politika f'kull qasam ma tistax tibqa' tkun f'konfront mal-ekoloġija iżda bi sħab magħha tinsisti li din l-għażla għandha ssir favur politika eko-ċentrika. Bħala riżultat ta' hekk bil-mod il-pajjiż ifittex li jirristabillixxi l-ekoloġija bħala punt ta' referenza. Dan ma jfissirx pass lura fil-livell tal-għejxien iżda politika iktar responsabbli fl-oqsma kollha.

## Skop

8. Alternattiva Demokratika tifhem li l-Issues Paper ippreżentat għad-diskussjoni huwa wieħed li jfittex li jidentifika dawk l-oqsma li għandhom ikunu indirizzati mill-politika nazzjonali dwar l-ambjent. Għaldaqstant f'din ir-reazzjoni mhux ser ikunu hemm ħafna dettalji iżda prinċipalment ser tkun eżami ta' dawk l-oqsma li għandhom ikunu ikkunsidrati u għaliex. Dan jinkludi oqsma li s'issa għadhom ma ssemmewx fid-diskussjoni bħall-Corporate Social Responsibility (CSR), sistemi ta' kontroll ambjentali bħall-ISO 14001 u r-Regolamenti EMAS tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-tniġġis mid-dawl (light pollution), l-kontroll ta' irwejjaħ (odours) u l-fastidju ambjentali, art kontaminata, l-ippjanar favur l-ambjent u s-sostenibilita' fuq livell lokali magħrufa bħala Aġenda Lokali 21, l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali u r-rwol tal-għaqdiet ambjentali mhux governattivi.

## Għodda

9. Wieħed mill-għodda użati fil-formolazzjoni ta' policy ambjentali hi dik li tissejjaħ "footprint analysis".

10. Minn studji li saru mill-NGO Internazzjonali WWF (World Widelife Fund) jirriżulta li Malta għandha impatt fuq 3.9 ettari għal kull persuna. Imqabbel mad-daqs tal-pajjiż dan ifisser li l-impatt ambjentali ta' Malta huwa fuq area ta' iktar minn 50 darba id-daqs tal-pajjiż.

11. Dan l-impatt enormi huwa riżultat tad-densita' tal-popolazzjoni fuq dawn il-gżejjer li jfisser li l-politika ta' Malta dwar il-popolazzjoni għandha relevanza kbira hi u titfassal il-politika ambjentali.

12. Iċ-ċokon tal-pajjiż m'huwiex biss il-kawża ta' diffikultajiet imma jista' jkun ukoll is-sors ta' kif jiġu megħluba sfidi b'mod partikolari fl-oqsma tat-trasport. Sfidi li s'issa il-pajjiż ma tahomx l-importanza li tistħoqilhom.

## Strumenti ekonomiċi

13. L-Issues Paper f'paġna 12 tistaqsina dwar x'naħsbu fuq sistema li tintaxxa t-tniġġis flok ix-xogħol. Kumbinazzjoni fid-dokument ta' qabel il-budget imniedi mill-Ministru tal-Finanzi fl-istess jum li ġiet ippubblikata l-Issues Paper qed jiġi propost (f'paġna 136) eżerċizzju ta' "tax shifting". Jgħid li qed jikkonsidra d-dħul ta' "carbon tax" u li hi l-intenzjoni li din tissostitwixxi taxxi oħra konnessi max-xogħol.

14. La l-Issues Paper u l-anqas id-dokument dwar il-budget ma jagħmlu l-iċken referenza għall-istrateġija nazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli li diġa bil-kunsens tas-soċjeta' ċivili u bl-approvazzjoni tal-Kabinett stabiliet fil-proposta 17 tagħha illi sal-2008 kellha titfassal strateġija dettaljata dwar l-użu ta' strumenti ekonomiċi biex jippromwovu l-iżvilupp sostenibli f'Malta. L-2008 ilu li ġie u mar u flok strateġija dettaljata għandna iktar mistoqijiet. Din mhux

serjeta'. Flok iktar mistoqsijiet kellu jkollna analiżi tat-taxxi ambjentali li diġa għandna fil-pajjiż (fosthom l-eko-kontribuzzjoni) u jekk dawn laħqux l-iskop li għalih saru kif ukoll proposti għall-futur.

15. Għandu jsir eżerċizzju onest biex jiġi stabilit x'tgħallimna mill-introduzzjoni tal-eko-kontribuzzjoni. Fost il-lezzjonjiet insibu li :

1. l-iskop ewlieni tat-taxxi ambjentali għandu jkun il-bidla fl-imġieba li twassal għal titjib ambjentali u mhux li jkunu sors alternattiv għal ġbir ta' taxxi,
2. ir-responsabbilta' politika għal sistema ta' tassazzjoni ambjentali għandha tkun fdata f'idejn il-Ministeru għall-Ambjent u mhux f'idejn dak tal-Finanzi, biex b'hekk ikun iktar possibli li t-titjib fil-qasam ambjentali jkun l-oġġettiv ewlieni tagħhom,
3. li filwaqt li hemm bosta setturi li jistgħu jkunu soġġetti għal tassazzjoni ambjentali l-għażla tagħhom għandha issir bir-reqqa u wara studju tal-impatti kemm ambjentali kif ukoll dawk soċjali u ekonomiċi.

16. F'dan il-kuntest għandu jingħad li mhux aċċettabbli li l-Gvern iħabbar illi qed jikkonsidra "carbon tax" mingħajr ma jinforma lill-pubbliku dwar xi studji għamel mhux biss fuq kemm jista' jdaħħal iżda ukoll dwar kif din ser teffettwa kemm il-kwalita' tal-ħajja kif ukoll il-livell tal-għajxien tal-faxex differenti tas-soċjeta. Dan l-istudju, jekk sar, s'issa għadu ma rax id-dawl tax-xemx.

17. Fil-fatt iktar kmieni dan ix-xahar Alternattiva Demokratika għamlet talba formali taħt il-provedimenti tal-Konvenzjoni ta' Åarhus biex jiġu rilaxxjati l-istudji relattivi.

18. Dan ifisser li l-qbil li jista' jkun hemm dwar l-użu ta' strumenti ekonomiċi fil-politika ambjentali huwa wieħed ikkwalifikat. Huwa soġġett għal studji serji qabel ma jkunu introdotti tali strumenti, liema studji jeżaminaw mhux biss l-impatti ekonomiċi, iżda ukoll dawk ambjentali u soċjali.

19. Alternattiva Demokratika tinsisti li l-impatti ekonomiċi konnessi mal-użu ta' taxxi ambjentali m'għandhomx ikunu soċjalment rigressivi. Nifhmu li dan mhux dejjem faċli li jsir imma konvinti li bi djalogu kostruttiv jistgħu jkunu identifikati l-miżuri adatti.

**Oqsma ttrattati**

20. Huma u jiġu identifikati l-oqsma li jeħtieġ illi jkunu trattati l-Issues Paper issegwi l-State of the Environment Report, d-diskussjoni dwaru kif ukoll il-Public Attitudes Survey tal-2008.

21. Alternattiva Demokratika jidhrilha li l-lista tal-oqsma li l-Issues Paper tikkunsidra tħalli barra diversi oqsma importanti. AD hi tal-fehma li l-politka nazzjonali dwar l-ambjent għandha tindirizza l-oqsma segwenti :

i) r-relevanza tal-istrateġija nazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli,
ii) il-politika ambjentali fuq livell lokali (Local Agenda 21),
iii) il-kwalita tal-arja,
iv) it-tibdil fil-klima,
v) l-użu tal-art,
vi) l-ilma tal-pjan u l-ilmijiet tal-wiċċ (fresh waters),
vii) il-ġbir tal-ilma tax-xita u organizzazzjoni ta' ħarsien mill-maltempati (flood relief),
viii) l-ilma baħar,
ix) l-użu ta' strumenti ekonomiċi għal titjib ambjentali,
x) l-ambjent tal-kosta u dak marittimu,
xi) l-użu tar-riżorsi b'mod ġenerali u tal-ilma u l-ġebla b'mod speċifiku,
xii) l-iskart bħala riżorsa, inkuż id-drenaġġ,
xiii) il-biodiversita' inkluż il-ħarsien tal-widien,
xiv) ir-radjazzjoni radioattiva nkluż dik domestika konnessa mal-gass radjuattiv radon,
xv) ir-radjazzjoni elettromanjetika,
xvi) kontaminazzjoni tal-art,
xvii) l-użu sostenibbli tal-kimika,
xviii) l-immaniġġjar tal-ħoss,
xix) l-irwejjaħ (odours) u l-fastidju ambjentali,
xx) it-tniġġis mid-dawl (light pollution),
xxi) l-interazzjoni bejn l-ambjent u l-ekonomija, inkluż l-eko-turiżmu u l-agri-turiżmu,
xxii) il-Corporate Social Responsibility,
xxiii) il-politika dwar il-popolazzjoni,
xxiv) il-Management Ambjentali b'referenza partikolari għall-ISO 14001 u r-Regolamenti EMAS tal-Unjoni Ewropea partikolarment kif reveduti fl-2009,
xxv) pjan nazzjonali għall-ħarsien mill-effetti ta' diżastri naturali,
xxvi) aċċess għall-informazzjoni ambjentali
xxvii) ir-rwol tal-għaqdiet ambjentali mhux governattivi,
xxviii) riċerka ambjentali.

22. M'huwiex il-każ li nidħlu fid-dettall tal-oqsma kollha imsemmija fil-paragrafu 21. Kollha huma importanti. Dwar uħud l-Issues Paper titkellem. Dwar l-oħrajn tistieden kummenti u suġġerimenti.

23. F'dan l-istadju huwa għaqli li jkun sottolineat illi hemm oqsma li għalkemm jaqgħu taħt dikasteri Ministerjali oħra dawn għandhom rilevanza kbira għall-politika ambjentali. Dawn l-oqsma jinkludu l-ilma, t-trasport, ir-riżorsi, l-iskart, it-turiżmu u l-prattiċi agrikoli, fuq quddiem nett l-użu tal-pestiċidi. Il-politika ambjentali għandha tkun fuq quddiem nett biex iċċaqlaq dawn is-setturi lejn it-tibdil meħtieġ, għax f'xi każi hemm nuqqas ta' ħegga jew inkella l-interessi settarji qed iżomuhom lura milli jiffaċċjaw il-bidla meħtieġa.

24. Li jsegwu huma kummenti fuq uħud mill-oqsma imsemmija fil-paragrafi preċedenti.

**L-art**

25. L-użu tal-art iddomna l-politika ambjentali għal ħafna snin. Il-bini residenzjali vojt li ċ-ċensiment tal-2005 kejjel bħala li kien ta' 54,000 issa żdied f'kull parti ta' Malta. Dan fih innifsu huwa punt ta' relevanza li għandu jdawwal il-politika dwar l-użu tal-art u jwassal sal-punt li jkun hemm moratorium ta' kostruzzjoni residenzjali fuq skala kbira. Alternattiva Demokratika hi ukoll "on record" f'diversi programmi elettorali tagħha favur taxxa fuq djar vojta.

26. Fid-dawl ukoll tan-numru kbir ta' bini residenzjali vojt Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li l-process magħruf bħala tar-razzjonalizzazzjoni tal-linji ta' żvilupp tal-art għandu jitreġġa lura u dan għaliex huwa ċar illi m'hemmx ħtieġa ta' iktar residenzi. Il-pjan ta' razzjonalizzazzjoni approvat mill-Parlament fl-2006 ser ikun il-kawża ta' iktar ħsara ambjentali għax kabbar, anke` jekk bi ftit, iż-żoni ta' żvilupp meta ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' tali tkabbir.

27. Ifisser ukoll illi hemm bżonn li l-industrija tal-bini tiġi mgħejjuna tfassal u timplimenta proċess ta' ristrutturazzjoni u taddatta ruħha għal ċirkustanzi ġodda fejn id-daqs tagħha jeħtieġ li jkun ridimensjonat. Meta jkun meqjus li din l-industrija timpega madwar 11,000 ruħ huwa ċar li hemm ħtieġa ta' impenn politiku qawwi biex uħud minn dawk efettwati jkunu mħarrġa għal xogħol ieħor.

28. Huwa neċessarju ukoll anke f'dan il-kuntest li jkun regolat il-finanzjament tal-politika. Għalkemm din hi materja li strettament ma għandix x'taqsam mal-formolazzjoni tal-politika nazzjonali għall-ambjent l-assenza tagħha tinħass kull meta ssir diskussjoni serja dwar il-politika tal-użu tal-art u l-industrija tal-bini f'Malta. In-nuqqas ta' leġislazzjoni li tirregola il-finanzjament tal-politika f'Malta titqies minn Alternattiva Demokratika bħala ir-raġuni għall-ħerba li hawn fil-pjanifikazzjoni dwar l-użu tal-art.

**Politika Ambjentali fuq Livell Lokali**

29. Huwa necessarju li kulħadd jifhem li l–politika ambjentali filwaqt li tkun imfassla fuq livell nazzjonali issib l-applikazzjoni tagħha fuq l-iżjed affarijiet żgħar f'livell lokali.

30. "Think global ..... act local" m'huwiex biss slogan użat minn dawk li jmexxu l-quddiem iżjed serjeta fit-tħaddim tal-politika ambjentali. Huwa minnu innifsu programm ta' ħidma. Id-dokument tal-Konferenza ta' Rio intitolat "Agenda 21" jemfasizza l-bżonn tat-tisħib tal-awtoritajiet lokali f'dan il-proċess.

31. F'Malta huwa biss issa fl-2010 li beda dan il-proċess bil-pubblikazzjoni mill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli ta' Strateġija Lokali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. Din kienet inizjattiva li sabet l-appoġġ tal-Gvern u għandha tinfirex iktar. Imma jeħtieg li l-Kunsilli Lokali ma jingħatawx biss għajnuna fil-forma ta'

fondi. Hija essenzjali għajnuna dwar x'inhuma l-elementi essenzjali li għandu jkun hemm fl-eserċizzju li huma jagħmlu.

**Skart**

32. Matul dawn l-aħħar ħames snin sar progress f'dan il-qasam, imma bħala pajjiż għadna ħafna lura għax domna ma bdejna. Għadna lura ukoll għax il-Gvern mexa b'politika diviżiva li l-Oppożizzjoni sfruttat. Il-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent tista' tkun l-opportunita' għal bidu ġdid f'dan il-qasam u dan bit-tfassil tal-politika konsenswali.

33. Fid-diskussjoni li kienet wasslet biex l-Impjant ta' Sant' Antnin ma jilqax l-iskart kollu ta' Malta iżda biss terz minnu kienet saret il-proposta ta' reġjonalizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-iskart. Issa li l-aħħar emendi għal Liġi dwar il-Kunsilli Lokali introduċew ir-reġjuni għandu jkun esplorat iktar x'jista' jsir f'dan il-qasam biex ma nibqgħux dejjem nargumentaw iżda preferibilment naslu għal soluzzjonijiet konsenswali.

34. Il-politika dwar l-iskart trid teżamina iktar l-użu tal-iskart għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. Dan jinkludi l-iskart agrikolu li dwaru sar rapport li għadu fuq l-ixkaffa.

35. Malta għad m'hiex timplimenta sewwa diversi Direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar l-iskart. Nemfasizza f'dan l-istadju id-Direttiva WEEE (Waste from Electric and Electronic Equipment) li titfa' obbligu fuq ir-rappreżentanti tal-produtturi li jirċievu lura l-apparat li m'għadux tajjeb biex jirrikondizzjonawh jew inkella jirriċiklawh. Dan huwa l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "producer responsibility" mill-Unjoni Ewropea li tgħaddi r-responsabbilta għand is-settur privat. F'Malta dan l-obbligu b'mod illegali baqa' f'idejn il-Wasteserve, agenzija tal-Gvern.

36. Dan qed isir għax is-settur privat ma jridx iħallas għall-obbligi taħt id-Direttiva WEEE u fl-istess ħin jibqa' jħallas l-eko-kontribuzzjoni fuq l-istess oġġetti. L-effett nett huwa wieħed ambjentali għax ma hawn l-ebda mekkaniżmu serju li qed jerfa' r-responsabbilta' għal dan l-iskart.U l-konsumatur jibqa' bla servizz.

37. Hu propost li l-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent tikkonsidra r-relevanza u l-mod tal-operazzjoni tal-iscrapyards. Preżentement f'dawn l-iscrapyards jiġi pproċessat skart li huwa kontrollat taħt ta' l-inqas tlett Direttivi tal-Unjoni Ewropea u ċjoe id-Direttiva WEEE, l-End of Life Vehicles Directive u d-Direttva dwar il-Batteriji. Il-mod kif l-iscrapyards qed jitħallew joperaw f'Malta jfisser abbandun totali tal-prinċipji u salvagwardji elenkati fl-imsemmija Direttivi. Li wara iktar minn sitt snin mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea għadna nitkellmu fuq dawn l-affarijiet ifisser kemm kienet defiċjenti it-tħejjija biex pajjiżna jerfa' l-obbligi li dħalna għalihom bis-sħubija.

## Ilma

38. L-issue tal-ilma hi vasta u huwa f'dawn l-aħħar xhur li beda ftit ċaqlieq u dan fil-kuntest tal-implimentazzjoni f'Malta tal-Water Framework Directive tal-Unjoni Ewropea.

39. L-estrazzjoni bl-addoċċ tal-ilma tal-pjan mill-boreoles privati imxerrdin ma' kull rokna tal-pajjiż hemm bżonn li tkun indirizzat malajr. Il-letarġija li biha l-Awtorita' dwar ir-Riżorsi aġixxiet tindika li sa ftit ilu kien għad hemm min m'huwiex konvint bil-gravita' tas-sitwazzjoni.

40. Bl-istess mod hemm ħtiega li l-obbligu ta' kull min jagħmel kostruzzjoni li jiġbor l-ilma tax-xita ikun onorat. Apparti li dan jipprovdi r-riżorsa tal-ilma bla ħlas fir-residenzi u propjetajiet oħra inaqqas l-ilmijiet li qed jispiċċaw fit-toroq wara kull ħalba xita. Mhux biss min jiżviluppa l-art li qed jonqos minn dan id-dover. Qed tonqos ukoll il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li tikkomunika mas-sistema nazzjonali tad-drenaġġ postijiet li dwarhom mhux dejjem isiru l-verifiki li huma provduti bi bjar għall-ilma tax-xita skond kif meħtieġ minn legislazzjoni li ilha magħna sa mill-1880. Din hi materja li l-MEPA ukoll m'hiex tagħmel il-verifiki dwarha.

41. B'inqas ilma fit-toroq għax jinġabar fil-bjar suppost li l-problema tal-ilmijiet fit-toroq waqt u wara maltempata tkun sostanzjalment inqas milli hi illum. Dan għandu jeffettwa ukoll l-ilma tax-xita li jispiċċa fid-drenaġġ u per konsegwenza l-ispiża għat-tisfija tad-drenaġġ għandha tkun inqas ukoll.

## It-Trasport

42. Pajjiżna għandu wieħed mill-ogħla rati tal-użu ta' karozzi fid-dinja. Komplessivament hawn madwar 700 karozza għal kull elf ruħ. Preżentement għaddej il-proċess tar-riforma tat-trasport pubbliku. Dan billi qed jiġu aġġudikati l-offerti li daħlu għas-sejħa pubblika.

43. Skond is-sejħa għall-offerti l-inġenji li ser jintużaw ser ikunu tali li jkollhom impatti ambjentali sostanzjalment inqas mill-karozzi tal-linja tal-lum. Filwaqt li dan ikun pass kbir il-quddiem m'huwiex biżżejjed Ikun meħtieg it-tfassil ta' strateġija li tħajjar lin-nies tnaqqas l-użu tal-karozzi privati u tagħmel użu mit-trasport pubbliku.

44. B'inqas karozzi fit-triq iċ-ċikliżmu jkun ukoll iktar attraenti u inqas perikoluż. Ikun jagħmel sens għaldaqstant li l-skema ta' inċentivi eżistenti dwar l-użu tal-bicycles tkun reveduta bl-iskop li tkun iktar attraenti. Huwa meħtieg ukoll li ċ-ċikliżmu jkun iktar inkoraġġit bħala sport.

45. Dan kollu jkollu impatt fuq il-kwalita' tal-arja. Ikollu ukoll impatt fuq it-tnaqqis tal-ħsejjes iġġenerati mit-trasport fit-toroq, materja li Malta qegħda lura biex tindirizza kif stabilit mill-Environmental Noise Directive tal-Unjoni Ewropea.

**Il-kwalita ta' l-arja**

46. Ir-riforma tat-trasport pubbliku tista' tkun l-istrument prinċipali biex titjieb sostanzjalment il-kwalita' tal-arja. Mhux biss għax l-inġenji użati jniġġsu inqas imma ukoll jekk jitfasslu strateġiji li jħajru iktar nies jagħmlu użu mit-trasport pubbliku.

47. Waħda mil-miri ambjentali ta' Malta hija li jintużaw il-mezzi kollha disponibbli (teknologici, politiċi, ekonomiċi eċċ) sabiex il-limiti stabbiliti mid-Direttiva dwar il-kwalita tal-arja (2008/50/KE ) jkunu rispettati kullimkien Diga ġie rreġistrat titjib fit-tnaqqis tal-livelli ta' dijossidu tal-kubrit ($SO_2$) mid-dħul ta' Malta fl-UE l-hawn. Jeħtieġ li dan jiġi estiż għas-sustanżi inkwinanti l-oħra ukoll jiġifieri għad-dijossidu tal-ażotu ($NO_2$) u ghall-partiċelli PM10 u PM2.5.

48. Jeħtieġ ukoll illi l-impjanti tal-kombustjoni industrijali li bħalissa ma jaqgħux taħt id-Direttiva dwar l-Impjanti l-kbar tal-Kombustjoni jkunu regolati permezz ta' permessi li jinkludu valur limitu għat-tniggiż atmosferiku. Dan il-valur limitu għandu ikunu tali li jippermetti l-konformita mad-Direttiva dwar il-kwalita' tal-arja.

49. Jeħtieġ ukoll li ssir analiżi tal-impatti tal-iżvilupp fuq il-kwalita tal-arja u għaldaqstant jidhrilna illi l-ewwel reviżjoni tal-pjani lokali għand tieħu dan in konsiderazzjoni.

50. Jeħtieġ ukoll li kif inhi l-prattika f'ħafna mill-istati Membri l-oħra tal-UE l-MEPA ma tibqax tagħti permessi għall-iżvilupp għall-proġetti kbar f'żoni fejn il-livelli permissibli dwar il-kwalita' tal-arja jkunu diġa nqabżu, kif ukoll jekk jirriżulta li dawn il-progetti jkunu ser jikkawżaw livelli ta' tniġġis atmosferiku ogħla minn dak stabilit mid-Direttiva dwar il-kwalita tal-arja.

**L-użu tal-ġebla**

.51. Il-ġebla m'hiex riżorsa infinita. Ifisser illi huwa meħtieġ mhux biss li nużaw bil-għaqal il-ġebla li għad hemm fil-barrieri imma ukoll li ma nibqgħux narmu l-ġebel li jifforma l-bini li jkun meħtieġ illi jaqa'.

52. Madwar 7 snin ilu l-MEPA kienet ippubblikat subject paper dwar il-materja intitolata "Minerals Subject Plan for the Maltese Islands. Final Report." Jidher li din is-subject paper baqgħet abbozz. Hemm ħtieġa li din tkun aġġornata u inkorporata fil-politika nazzjonali ambjentali. Għax hu meħtieġ li nagħrfu li anke l-iskart tal-industrija tal- kostruzzjoni għandu valur u jista' jkun użat mill-ġdid.

**Biodiversita'**

53. Il-biodiversita' m'hiex kif inħarsu lejn l-għasafar u l-ħarsien tagħhom biss iżda dwar l-interazzjoni tagħna mal-ekosistema. Huwa tajjeb li l-Issues Paper tħares lejn diversi aspetti imma huwa iktar importanti kif dawn ikunu implementati fil-prattika. Għax l-obbligi li titkellem dwarhom l-Issues Paper ilhom magħna imma ilhom daqstant injorati.

54. Fost oħrajn wasal iż-żmien li l-Buskett ma jibqax meqjus bħal ġnien u ma jibqax ikun sfruttat bħala tali. L-istatus tal-Buskett ta' Żona Speċjali ta' Konservazzjoni huwa meħtieġ illi tkun rispettata, ħaġa li fil-presentement m'hiex issir.

55. Huwa neċessarju ukoll illi l-widien ikunu mħarsa. Dan għandu jsir billi fil-kuntest ta' pjan ċar u olistiku jkunu riabilitati l-widien b'mod li tkun rispettata l-biodiversita' ta' ġo fihom u jkunu ukoll eliminati l-ispeċji invażivi li ġew introdotti tul is-snin.

## Ħoss

56. Ir-regolamentazzjoni tal-ħoss ifisser il-mod kif għandna nipproteġu lill-komunita' minn ħoss eċċessiv li jkun iġġenerat. Dan ivarja mill-ħoss iġġenerat mill-ajruplani huma u nieżlin l-art minn fuq Birżebbuġa jew żoni oħra sal-ħoss iġġenerat mill-air conditioner tal-ġar. Mill-"burglar alarm" li jdum ħafna jdoqq sa ma jintefa sa dak li jiġri bil-karozza fit-toroq bl-isterjo full-on. Jinkludi ukoll il-ħin u l-qawwa tal-logħob tan-nar li jsir fil-festi f'Malta.

57. L-immaniġjar tal-ħoss huwa neċessarju fejn jiltaqgħu żoni kummerċjali u domestiċi, b'mod partikolari meta s-separazzjoni bejniethom hi waħda vertikali. Il-problemi jinqalgħu dejjem minħabba nuqqas ta' rispett, minħabba li xi ħadd jippretendi li huwa iktar importanti minn xi ħaddieħor u allura dak li jagħmel hu għandu jkun tollerat ferm iktar.

58. F'pajjiżi oħra hemm liġijiet twal u dettaljati li jikkontrollaw il-ħsejjes permissibli. Huwa tajjeb li dawn ikunu eżaminati bir-reqqa u li nkunu ppreżentati bi proposta li tkopri l-ħsejjes li tiġġenera s-soċjeta' Maltija tal-lum.

## Irwejjaħ u l-fastidju ambjentali

59. Huwa meħtieg li jkunu regolati l-irwejjaħ (odours). Prinċipalment dawk regolati f'pajjiżi oħra huma dawk ikkawżati minn kċejjen industrijali. Ħafna drabi jiffurmaw parti minn restorant f'żona ta' użu mħallat fejn fil-livell terran ikollok r-restorant u fil-livelli l-oħra jkollok uffiċini u/jew residenzi jew taħlita tat-tnejn.

60. L-irwejjaħ regolati f'pajjiżi oħra huma ikkawzati ukoll kemm minn impjanti li jittrattaw id-drenaġġ kif ukoll minn impjanti li jittrattaw l–iskart organiku jew minn impjanti li jipproduċu l-kompost.

61. Il-livell ta' tolleranza għall-irwejjaħ jiddependi ħafna fejn dawn l-irwejjaħ ikunu qed jiġu ġenerati.

62. It-trab ġġenerat mill-industrija tal-kostruzzjoni u li jeffettwa l-arja fil-lokal u madwaru huwa fastidju ambjentali. Ir-regolamenti li saru f'dawn l-aħħar snin biex ikun hawn maniġġjar aħjar ta' siti ta' kostruzzjoni għad m'humiex infurzati b'mod sodisfaċenti. L-anqas m'hemm sorveljanza adegwata f'dawk il-postijiet fejn huma prodotti jew li minnhom issir distribuzzjoni ta' materjal użat mill-industrija ta' kostruzzjoni. Hemm bżonn li dawn l-attivitajiet isiru fi spazji magħluqa biex it-trab iġġenerat ikun jista' jinġabar b'iktar faċilita' u hekk ikun ridott dan il-fastidju ambjentali.

63. Fl-ibliet u l-irħula tagħna hemm attivita' semi-industrijali li diversi drabi qed tagħti fastidju u tkun ta' inkonvenjent għar-residenti. Eżempju tipku huma l-ifran kif ukoll manifatturi tal-ħelu sitwati f'nofs l-abitat. Bl-emissjonijiet tagħhom dawn ġieli jikkawżaw il-problemi. Hemm soluzzjonijiet teknoloġici għal din it-tip ta' attivita. Iżda fuq kollox huwa neċessarju li d-daqs permissibli ta' din l-attivita' semi-industrijali għandha tkun waħda kompatibbli man-natura

residenzjali tal-inħawi. B'hekk ikun assigurat inqas impatti negattivi fuq ir-residenti.

**It-tniġġis mid-dawl**

64. It-tniġġis mid-dawl (light pollution) joħloq diffikulta għall-ħajja notturna fid-dinja tal-annimali kemm għall-għasafar (prinċipalment dawk li għadhom ħerġin mill-bejta) kif ukoll tipi differenti ta' insetti. Huwa prinċipalment ta' theddida għall-biodiversita kif jixhed rapport fuq l-materja ippubblikat madwar tlett snin ilu dwar proġett għall-ħarsien tal-għasafar fl-Aħrax tal-Mellieħa.

65. It-tniġġis mid-dawl huwa kkawżat minn dawl żejjed u dawl li jitħalla jkun direzzjonat fejn m'hemmx bżonnu.

66. Kontroll tat-tniġġiz mid-dawl jista' jagħti kontribut żgħir għat-tnaqqis ta' konsum tal-enerġija billi s-setturi li jridu jkunu indirizzati huma d-dwal fit-toroq, id-dwal madwar bini storiku u dwal f'bini pubbliku u bini kummerċjali bħall-lukandi.

**Issues Nukleari/ ta' radjuattivita'**

67. Billi s'issa l-ebda Gvern Malti ma ppronunzja ruħu direttament favur l-enerġija nukleari l-issues nukleari li rridu niffaċċjaw huma dawk impurtati.

68. Fuq quddiem nett hemm l-iskart radjuattiv (mhux ħafna fil-kwantita') u li huwa prinċipalment iġġenerat minn impjanti ta' mediċina nukleari bħall-X-Rays u magni tar-raġġi użati fit-trattament tal-cancer. Dan l-aspett huwa normalment ikkunsidrat fil-kuntest tal-politika dwar l-iskart u minħabba l-kwantita żgħira ta' skart ġġenerata tkun teħtieġ l-esportazzjoni

69. Il-problema principali nukleari li trid tiffaċċja Malta hi konnessa ma impjanti nukleari f'pajjiżi oħra. Fil-Mediterran fi ftit snin ser ikun hawn proliferazzjoni ta' impjanti b'Malta issir qiesa sandwich nukleari f'nofs il-Mediterran.

70. Dan iwassal għal żewġ konsiderazzjonijiet. L-ewwel il-ħtieġa li Malta tinvolvi ruħha attivament fil-proċess ta' konsltazzjoni pubblika li hemm l-obbligu li jagħmel pajjiż bħall-Italja qabel ma jibda l-proċess biex jistalla impjat nukleari fi Sqallija in konformita mal-politika kurrenti Taljana. Id-Direttiva dwar l-Impatti Ambjentali tal-Unjoni Ewropea hi u timplementa l-provedimenti tal-Konvenzjoni ta' Espoo tobbliga li jkun hemm konsultazzjoni pubblika fil-pajjiż effettwat fejn ikun hemm impatti li jmorru lil hinn mill-fruntiera. Dawn huma drittijiet li irridu nagħmlu użu sewwa minnhom biex safejn hu umanament possibli jkun assigurat li l-proċessi u l-proċeduri li jirregolaw l-eżami tal-impatti possibli jkunu implementati kompletament .

71..It-tieni konsiderazzjoni tħares lejn in-nofsinnhar fejn hemm pajjiżi li qed jippjanaw l-importazzjoni tat-teknoloġija nukleari minn Franza pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea. Huwa importanti li Malta fl-Unjoni Ewropea tieħu

pożizzjoni  li twassal biex mal-esportazzjoni tat-teknoloġija nukleari, meta din issir, tkun esportata ukoll ir-responsabblta u regolamentazzjoni fil-forma ta' trattati li permezz tagħhom il-pajjiżi li jirċievu t-teknoġija nukleari jintrabtu ma l-istess regoli applikabbli fl-Unjoni Ewropea.

72. Bħal diversi pajjiżi oħra Malta hawn ukoll il-presenza tal-gass radjuattiv radon. Materja li hi soveljata mill-Ministeru tas-Saħħa imma li dwarha ftit hawn informazzjoni pubbblika. Materja li hemm bżonn li tkun irrimedjata.

## L-immaniġġjar ta' impatti ambjentali

73. Huwa meħtieġ li l-politika ambjentali nazzjonali tħeġġeg lill-organizzazzjonijiet - mhux biss l-industrija u l-kummerċ iżda ukoll lis-settur pubbliku – fuq il-ħtieġa li jimmaniġġjaw l-impatti ambjentali tagħhom b'mod organizzat. Dan jista jsir kemm bl-introduzzjoni ta' sistemi  li jissodisfaw l-instandard internazzjonali ISO 14001 kif ukoll billi issir reġistrazzjoni taħt l-iskema EMAS tal-Unjoni Ewropea.

74. Filwaqt li hawn bosta azjendi fis-settur privat f'Malta li qed jimplimentaw l-istandard internazzjonali ISO 14001 is-settur pubbliku jidher li qiegħed lura sewwa. Ma jistax ikun li l-Gvern jipprietka biss. Hemm bżonn li jagħti l-eżempju ukoll.

## Corporate Social Responsibility

75. Fid-dinja tal-lum huma diversi l-organizzazzjonijiet li jippubblikaw fuq bażi regolari rapporti li fih jelenkaw f'dettall l-impatti tagħhom prinċipalment (iżda mhux biss) fuq il-komunita' fejn joperaw.

76. F'Malta huma żewg kumpaniji biss li jagħmlu dan u ċjoe l-Bank of Valletta u Vodafone. S'issa ippubblikaw żewg edizzjonijiet tar-rapporti tagħhom. Kull wieħed minn dawn il-pubbkazzjonijiet hu ta' kontribut pożittiv imma f'kull każ hemm lok għal titjib kemm fid-direzzjoni politika kif ukoll fil-kontenut tar-rapport.

77. F'dan l-istadju għaldaqstant Alternattiva Demokratika tiġbed l-attenzjoni illi huwa neċessarju li jkunu identifikati dawk il-kategoriji ta' organizzazzjonijiet li għandu jkollhom l-obbligu li fuq bażi regolari jippubblikaw għall-attenzjoni tal-pubbliku informazzjoni dwar l-impatti tagħhom kemm dawk ambjentali kif ukoll dawk ta' xorta oħra. Huwa importanti li jkun sottolineat li r-rappurtaġġ ambjentali huwa importanti daqs dak finanzjarju u għaldaqstant għandu jkun ukoll soġġett għal proċess tal-verifika.

**Informazzjoni Ambjentali**

78. L-Issues Paper ma titkellem xejn dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali. In partikolari huwa neċessarju li jkollna spjegazzjoni dwar kif il-mekkaniżmu inħaddem s'issa dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali ser jibda jaħdem ġaladarba tibda taħdem sewwa l-Freeedom of Information Act Maltija.

79. Huwa importanti ukoll li l-Gvern permezz tal-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent jikkommetti ruħu darba għal dejjem li meta jħabbar policy ġdida jew xi miżura ġdida għad-diskussjoni iressaq għall-informazzjoni tal-pubbliku l-istudji kollha li jkunu saru biex janalizzaw limpatti tagħhom. Huwa neċessarju ukoll li ma jiġux ippreżentati għad-diskussjoni miżuri li dwarhom ma jkunux ġew eżaminati minn qabel l-impatti : kemm dawk ekonomiċi kif ukoll dawk soċjali u ambjentali.

**Art Kontaminata**

80. L-art ikkontaminata hi ħafna drabi riżultat ta' attivita' industrijali ta' snin kbar ilu. Meta ma kienx hemm konoxxenza tal-impatti fuq in-natura u l-bniedem skart industrijali ġie mormi f'postijiet sensittivi. Wara ħafna snin tfaċċaw impatti negattivi u kien hemm bżonn snin twal u flejjes kbar biex saret dikontaminazzjoni.

81. F'Malta l-industrijalizzazzjoni ma tmurx daqstant snin lura u għaldaqstant probabilment m'għandniex każijiet ta' art kontaminata. L-uniċi possibilitajiet huma dwar l-artijiet konnessi mal-użu ta' partjiet minn Malta mis-servizzi militari ingliżi tul is-snin li damet il-bażi militari Ingliża.

82. Kellna iżda każ speċifiku f'Birżebbuġa meta xi snin ilu kien qed isir tħaffir għal kostruzzjoni ta' residenzi madwar l-impjant tal-Enemalta. Dakinnhar meta sar it-tħaffir kien instab liwkidu kkulurit li meta ġie eżaminat fil-laboratorju kien irriżulta li hu prodott taż-żejt. Huwa fil-fatt magħruf li l-Enemalta kienet bdiet proċess ta' rimedjazzjoni li dwaru iżda m'huwiex magħruf biżżejjed.

83. Fid-dawl ta' dan huwa neċessarju li l-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent tindirizza din il-materja.

**Għaqdiet Ambjentali mhux Governattivi u is-Soċjeta Ċivili**

84. L-għaqdiet Ambjentali mhux Governattiv u s-Soċjeta Ċivili in ġenerali għandhom rwol importanti ħafna fil-proċess li permezz tiegħu l-pubbliku qed isir iżjed konxju kif l-impatti ambjentali tiegħu u ta' oħrajn jaffettwa l-kwalita' tal-ħajja ta' kulħadd.

85. Hemm ħtieġa partikolarment fil-qasam ambjentali li dawk l-għaqdiet li għandhom struttura demokratika kif ukoll għaqdiet oħra mis-soċjeta' ċivili jkollhom l-ikbar għajnuna possibli biex ikunu jistgħu ikollhom l-għajnuna

speċjalizzata u professjonali tant meħtieġa għall-ħidma tagħhom. Għajnuna ta' din ix-xorta trid tingħata b'mod trasparenti u mingħajr ma jkunu ppreferuti għaqdiet partikolari.

**Riċerka Ambjentali**

86. Huwa importanti li l-politika ambjentali tagħti kas u tkun ibbażata fuq riċerka. Dan jista' jsir kemm billi l-Gvern permezz tad-Dipartmenti u l-aġenziji tiegħu jagħmel riċerka b'mod dirett kif ukoll billi fejn neċessarju jikkummissjona korpi oħra bħall-Univerista' li jagħmlu r-riċerka meħtiega.

87. Ir-riżultati ta' din ir-riċerka għandhom ikunu magħrufa u aċċessibli għal kull min ikun interessat li jgħarbilhom.

88. In partikolari huwa meħtieg li ma jittieħdux deċizjonijiet ta' politika ambjentali li ma jkunux imwieżna min riċerka li tanalizza l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

**Konklużjoni**

89. Alternattiva Demokratika tħares lejn il-politika ambjentali bħala wieħed min diversi strumenti politiċi li permezz tiegħu tista' tassigura titjib il-kwalita' tal-ħajja. Inħarsu għalhekk lejn dan il-proċess li qed jippjana li jasal lejn il-formolazzjoni ta' Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent bħala proċess li permezz tiegħu iktar persuni jirrealizzaw il-possibilitajiet u fl-istess ħin jifhmu l-potenzjal għall-azzjoni ambjentali.

90. Li nħarsu l-ambjent ifisser li ntejbu l-kwalita' tal-ħajja. Ifisser ukoll nimxu b'mod responsabbli. Fuq quddiem nett iżda jrid ikun il-Gvern li jimxi sewwa, mhux biss għax hekk huwa xieraq iżda għax huwa meħtieġ li jagħti l-eżempju.

**Carmel Cacopardo**
**Kelliemi AD – Żvilupp Sostenibbli u Gvern Lokali**
**27 ta' Settembru 2010**